MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 691/2004/1

**Maria Victoria Sciberras, illum mizzewga Gauci**

**v.**

**Carmel Zammit**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenut minn sentenza preliminari dwar responsabbilita` moghtija mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-1 ta’ Gunju 2010 li laqghet l-ewwel talba tal-attrici u sabet li l-konvenut kien jahti ghall-incident li fih

indarbet l-attrici u ghalhekk ghandu jwiegeb ghad-danni u ordnat li jitkompla s-smigh ghall-ghanijiet tat-talbiet l-ohra.

Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* is-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

“1. Din hija kawża dwar inċident tat-triq li fih indarbet l-attriċi. Din is-sentenza tallum hija dwar min jahti ghall-inċident.

“2. L-attriċi fissret illi fl-10 ta’ Marzu 2003, waqt li kienet fi Vjal l-Indipendenza, il-Mosta, intlaqtet minn *coach* misjuq mill-konvenut u ndarbet serjament, tant li kien hemm biża’ li setghet titlef hajjitha. Bil-ġriehi li ġarrbet issa tbati minn debilità li ma tfieqx minnha u jkollha tghaddi l-bqija ta’ hajjitha f’siġġu tar-roti u tbati minn skumditajiet ohra. Billi qieghda tghid illi kien il-konvenut li jahti ghall-inċident iżda qieghed jiċhad il-htija, l-attriċi fethet din il-kawża u qieghda titlob illi l-qorti, wara li tghid illi l-konvenut jahti u ghandu jwieġeb ghad-danni li ġarrbet, tillikwida d-danni u tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati, flimkien mal-imghax u l-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali ippreżentata flimkien maċ-ċitazzjoni ghall-ghanijiet tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta’ Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni [Kap. 104].

“3. Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi l-inċident sehh bi htija tal-attriċi wehedha.

“4. Il-fatti li wasslu ghall-inċident sehhew hekk: Dak iż-żmien l-attriċi kienet toqghod mal-ġenituri taghha u ma’ huha fi Vjal l-Indipendenza, il-Mosta. Kemm l-attriċi u kemm huha kellhom karrozza li kienu jipparkeġġjaw, wahda wara l-ohra, fi *drive-in* biswit id-dar. Billi l-attriċi kienet tasal id-dar mix-xoghol qabel huha, kienet tqieghed il-karrozza taghha fuq ġewwa u huha, li jasal wara, kien jipparkeġġja quddiemha. Fil-ghodu, imbaghad, billi l-attriċi kienet tohroġ ghax-xoghol qabel huha, kienet tohroġ il-karrozza ta’ huha mid-*drive in* u tqeghedha f’*bay* fit-triq quddiem id-dar fejn kienet thalliha, kienet tidhol id-dar biex

thalli ċ-ċwievet tal-karrozza ta' huha u tiehu dawk tal-karrozza taghha, u tohroġ bil-karrozza taghha mid-*drive-in*. Huha mbaghad kien jiehu l-karrozza tieghu minn fejn tkun hallithielu fil-*parking bay.*

"5. Dakinhar tal-inċident kien it-Tnejn filghodu u l-attriċi kienet ghadha kemm qieghdet il-karrozza ta' huha fil-*parking bay*, thares lejn Hal Lija, u harġet minnha. Dak il-hin kien ġej il-konvenut isuq *coach* bit-tfal tal-iskola, ġej mit-triq li tiehu ghal Ta' Qali. Qabel lewa lejn il-lemin tieghu biex jidhol fi Triq l-Indipendenza, fejn kien hemm l-attriċi barra l-karrozza ta' huha, waqaf biex ihalli jghaddi minn quddiemu traffiku ġej minn Vjal l-Indipendenza lejn il-Mosta. Meta reġa' qabad isuq, billi ra lill-attriċi wieqfa fit-triq u beża' li kienet sejra taqsam, petpet id-dwal tal-*coach* biex jiġbdilha l-attenzjoni u baqa' ghaddej fid-direzzjoni lejn kienet thares il-karrozza ta' hu l-attriċi.

"6. Vjal l-Indipendenza f'dawk l-inhawi hija wiesa' tnax-il metru (12m). Il-konvenut jikkalkola li meta saq biswit il-karrozza ta' hu l-attriċi kien hemm wisgha' ta' madwar pied u nofs bejn il-*coach* u l-karrozza, u ghalhekk l-attriċi kienet f'dak l-ispazju ta' pied u nofs bejn iż-żewġ vetturi fil-waqt li kien ghaddej il-*coach*.

"7. Dak il-hin ġara li l-bieba tal-kompartiment tal-valiġġi tal-*coach* inqabdet mal-bieba tal-lemin tal-karrozza, jew *vice versa*, iż-żewġ bibien infethu, l-attriċi ntlaqtet u ntefghet xi tliet metri, u ndarbet serjament. Bid-daqqa l-bieba tal-karrozza kompliet infethet sakemm ġiet tmiss mal-parafangu.

"8. Il-bieba tal-kompartiment tal-valiġġi tal-*coach* qieghda lejn il-parti ta' wara tal-ġenb tax-xellug tal-*coach*, *i.e.* tal-ġenb li ghadda mal-ġenb tal-lemin tal-karrozza ta' hu l-attriċi. Tinfetah minn isfel ghal fuq, *i.e.* iċ-ċappetti qeghdin fuq. Biex tiftahha trid tiġbidha 'l fuq ghal xi pied – kontra l-ġibda ta' molol li jtendu li jerġghu jiġbduha 'l isfel – iżda jekk twassalha sa xi pied il-ġibda tal-molol tiġi 'l fuq biex ikomplu jifthuha sa fuq. Fi kliem iehor, jekk il-bieba titlaqha fl-ewwel ftit, terġa' tinghalaq ghalkemm mhux ghal kollox, u tkun tista' tiftahha wkoll bla ma thaddem il-

*handle*, waqt li jekk titlaqha wara li tkun ftahtha ghal xi pied tkompli tinfetah.

“9. X’ġara biex infethu l-bibien tal-karrozza u tal-*coach*? Il-possibiltajiet jidhru li huma tlieta:

“a. l-attriċi fethet il-bieba tal-karrozza hekk kif kien ghaddej il-*coach* minn maġenbha, it-tarf tal-bieba dahlet fil-hanek tal-kompartiment tal-valiġġi tal-*coach* u fethitlu l-bieba; jew

“b. l-attriċi kienet ghadha ma ghalqitx il-bieba tal-karrozza meta ghadda l-*coach* u hekk il-bieba tal-karrozza fethet il-bieba tal-*coach* bhal fl-ewwel ipostezi; jew

“c. il-bieba tal-*coach* ma kinietx maghluqa sew u, bis-sahha tal-moviment tal-*coach* meta lewa lejn il-lemin u tal-*inertia* li ttendi lejn moviment f’linja dritta, inghelbet ir-reżistenza inizjali tal-molol, il-bieba kompliet infethet u laqtet kemm lill-bieba tal-karrozza u kemm lill-attriċi.

“10. Hadd ma ra l-inċident isehh u l-attriċi minhabba t-trawma ma tiftakar xejn mill-waqt tal-inċident. Ghalhekk ikolna nistriehu fuq iċ-ċirkostanzi biex naraw liema minn dawn it-tliet ipostezijiet x’aktarx li sehhet.

”11. Kemm il-konvenut u kemm ix-xhud Mario Frendo, li kien qieghed isuq vettura ohra wara l-*coach* tal-konvenut, xehdu illi qabel l-inċident raw lill-attriċi bil-wieqfa barra l-karrozza. Il-konvenut qal ukoll li teptpilha d-dawl ghax beża’ li sejra taqsam it-triq. L-attriċi, ghalkemm ma tiftakar xejn mill-inċident, xehdet illi wara li harġet mill-karrozza ta’ huha ma kellhiex ghalfejn terġa’ tidhol fiha u ghalhekk ma kellha ebda raġuni ghala terġa’ tiftah il-bieba.

“12. Fiċ-ċirkostanzi, il-qorti tara li huwa ferm improbabbli li l-attriċi fethet il-bieba f’dak il-waqt. Barra minn dak li qalet hi – li ma kellhiex ghalfejn tiftah il-bieba – hemm ix-xiehda tal-konvenut stess li qabel l-inċident, meta teptpilha d-dawl, kellha wiċċha lejh u ghalhekk żgur rat il-

*coach* ġej lejha[1]. Ma jista' jkun hemm ebda dubju raġonevoli li l-attriċi kienet taf bil-*coach* ghaddej minn hdejha, aktar u aktar jekk kellha biss wisgha ta' pied u nofs bejn il-ġenb tal-*coach* u dak tal-karrozza, kien ġà ghadda tul tal-*coach* sakemm lahaqha l-kompartiment tal-valiġġi, u ċertament setghet tara li ma kellhiex wisgha biżżejjed biex tiftah il-bieba. Kienet tkun mossa ghalkollox bla sens li tiftah il-bieba f'dak il-waqt.

"13. Barra minn hekk, billi min jiftah bieba ta' karrozza jkun aktar 'il barra mill-bieba nfisha, l-attriċi ma setghetx fethet il-bieba biżżejjed biex twassalha sal-ġenb tal-*coach* bla ma tintlaqat hi qabel. Il-qorti hija ghalhekk ampjament konvinta illi l-ewwel ipostezi ghandha tiġi skartata.

"14. It-tieni ipostezi – li l-attriċi kienet ghadha ma ghalqitx il-bieba meta sehh l-inċident – ukoll, fil-fehma tal-qorti, ghandha tiġi skartata. Ix-xhud Mario Frendo xehed li qabel l-inċident lill-attriċi raha "fejn il-bieba maghluqa fuq in-naha tal-ġenb" tal-karrozza wieqfa[2]; il-konvenut ukoll ma qalx li l-bieba tal-attriċi raha miftuha qabel l-inċident.

"15. Tifdal it-tielet ipostezi – li l-bieba tal-*coach* ma kienetx maghluqa sew u kompliet infethet bil-*momentum* tal-liwi lejn il-lemin. Kontra din l-ipostezi hemm ix-xiehda ta' Mario Frendo li jghid illi l-bieba kienet maghluqa. Madankollu, din ix-xiehda ma tistax tkun konkluživa. L-ewwelnett, Frendo, li kien qieghed isuq il-vettura ta' wara l-*coach*, kien fin-naha tas-sewwiq tal-vettura tieghu, *i.e.* fil-lemin, waqt li l-kompartiment qieghed fuq ix-xellug tal-*coach* u l-viżwali tieghu kienet ghalhekk limitata, u kompliet tonqos hekk kif il-*coach* lewa lejn il-lemin, tant illi Frendo l-inċident ma rahx.

"16. Barra minn hekk, kif imfisser fuq[3], il-mekkaniżmu tal-bieba jżommha maghluqa wkoll jekk ma tkunx maghluqa sew, *i.e.* jekk ma tkunx imqabbda b'mod li tinfetah biss bl-idejn u mhux ukoll b'moviment tal-vettura. Jista' jkun

---

1 Ara x-xiehda tal-konvenut fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2009, *fol.* 583.

2 Ara x-xiehda ta' Mario Frendo fis-seduta tas-17 ta' April 2008, *fol.* 497.

3 Para. 0, p. 3, *supra*.

ghalhekk illi, minn fejn seta' jara hu, Frendo ra l-bieba maghluqa wkoll jekk ma kinietx maghluqa ghalkollox.

"17. Ghandu jinghad ukoll illi l-konvenut xehed illi dakinhar tal-inċident il-bieba ma messhiex[4], li jfisser li ma rax kinietx maghluqa sew jew le qabel qabad isuq.

"18. Mit-tliet ipostezijiet meqjusa fuq, il-qorti tara li l-aktar wahda probabbli u, anzi, l-unika wahda possibbli, hija t-tielet wahda. Ma hemmx kontrieha l-ostakoli li jeliminaw l-ewwel tnejn, u huma plawsibbli l-fatturi fiżiċi u dinamiċi li jfissru kif setghet sehhet.

"19. Il-qorti ghalhekk temmen illi l-inċident sehh ghax il-bieba tal-kompartiment tal-valiġġi tal-*coach* misjuq mill-konvenut ma kinietx maghluqa sew. Din kompliet infethet bil-moviment ta' liwi lejn il-lemin, u laqtet lill-attriċi u lill-bieba tal-karrozza l-ohra. Dan jitfa' l-htija fuq il-konvenut ghax ma rax, qabel qabad isuq, li ma kien hemm xejn fil-vettura li seta' jkun ta' perikolu ghal terzi. Kien dan in-nuqqas li wassal ghall-inċident li fih indarbet l-attriċi. Min-naha l-ohra, ma hemm xejn li jifta' sehem mill-htija fuq l-attriċi ghal dak li jghid l-art. 1051 tal-Kodiċi Ċivili.

"20. Il-qorti ghalhekk tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi; tghid illi l-konvenut jahti ghall-inċident li fih indarbet u ghalhekk ghandu jwieġeb ghad-danni, u tordna li jitkompla s-smigh ghall-ghanijiet tat-talbiet l-ohra.

**Appell tal-konvenut Carmel Zammit**

Il-konvenut hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b'rikors ipprezentat fl-14 ta' Lulju 2010.

Fil-qosor, l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. L-ewwel Qorti strahet fuq fatturi li jmorru lil hinn mill-atti processwali u addottat binarji ta' ragunament bazati fuq meri kongetturi u allegazzjonijiet mhux pruvati u

---

4 Ara x-xiehda tal-konvenut fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2009, *fol*. 579.

li ma jsibu l-ebda riskontru fil-provi. Il-gudikant ghandu jiddeciedi mhux fuq dak li jaf izda fuq dak li jemani mill-inkartament processwali.

2. Illi mill-provi prodotti kellu jirrizulta fuq bilanc ta' probabilitajiet li l-attrici fethet il-bieba tal-vettura ghal fuq il-*coach* fil-waqt li din kienet ghaddejja minn hdejha u qabdet il-*groove* bejn il-karrozzerija tal-*coach* u x-xifer tal-kompartiment tal-valiggi u b'hekk sar l-impatt li ghawweg severament il-bieba tal-vettura bil-konsegwenti nfortunju fuq il-persuna tal-attrici. (L-ewwel Ipotezi)

3. Dwar l-ipotezijiet l-ohra li semmiet l-ewwel Qorti, jidher li hi hadet ir-riedni tal-procediment f'idejha u minflok hadet post l-attrici. Invece kien jispetta lill-attrici tipprova l-fatti allegati minnha u jekk dan ma sarx, l-ebda ipotezi jew kongettura ma kellha tigi kkrejata biex taghti kulur fejn m'hemmx. Infatti l-attrici kienet siekta dwar kif avvera ruhu l-incident. Dwar it-tielet ipotezi l-konvenut jghid li l-attrici ma ppruvatx li l-*luggage booth* kien imsakkar hazin jew li kien imbexxaq jew li kien kompletament miftuh qabel sar l-incident.

Ghalhekk l-appellant talab li din il-Qorti thassar, tannulla u tirrevoka d-decizjoni appellata tal-1 ta' Gunju 2010 u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu u tirrespingi t-talba promotrici attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

**Risposta tal-attrici appellata**

L-attrici appellata pprezentat ir-risposta taghha fejn wiegbet li s-sentenza in parte, hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

Hi tghid li mhux minnu li l-ewwel Qorti strahet fuq fatturi li jmorru lil hinn mill-atti processwali. Il-Qorti vvalutat il-provi li kellha quddiemha u wara li hadet anke in konsiderazzjoni dak li rat waqt l-access waslet ghad-decizjoni taghha. Tkompli li ghalhekk il-konvenut ma jistax jippretendi li issa din il-Qorti tezamina mill-gdid il-provi bil-ghan li jkun hemm kambjament favurih tar-ragunament oggettiv li sar mill-ewwel Qorti.

L-attrici ssostni inoltre li, apparti il-kwistjoni tal-*luggage booth*, il-konvenut kellu jhalli *clearance* adegwat meta ghadda magenb il-vettura pparkjata u l-attrici.

L-aggravji relattivi tal-appellant gew kollha kkontestati mill-attrici u ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata u tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.

**Fatti**

Ghal dak li huwa sfond tal-fatti in kawza, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, taghmel riferenza ghar-rassenja tal-fatti maghmula mill-Qorti tal-ewwel grad fis-sentenza taghha, liema sentenza tinsab inkluza fil-korp ta' din is-sentenza. Taghmel ukoll referenza ghall-atti kollha tal-Process Verbal a fol. 235 *et seq* u l-atti tal-kawza **Il-Pulizija v. Carmelo Zammit** deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-18 ta' Jannar 2006 Dok. ZM a fol. 212 *et seq*, it-tnejn ezibiti f'dan il-process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

<u>*Actore non probante reus absolvitur*</u>

L-appellant isostni li principalment, ghalkemm mhux unikament, il-qofol tat-tezi tieghu hija li l-attrici ma ppruvatx il-kaz taghha. Hu jghid li fid-depozizzjoni taghha l-attrici tghid li hija ma tiftakar xejn dwar dak li gara meta ntlaqtet u l-ahhar memorja taghha hi li kienet qed tohrog il-karozza ta' huha mid-*driveway* imbaghad kellha *black out*. Apparti din id-depozizzjoni jghid li ma hemm xejn aktar fil-process li jitfa' dawl u jikkonkretizza l-allegazzjoni li l-incident gara tort tieghu. Japplika f'dan il-kaz, skont l-appellant il-principju li *actore non probante reus absolvitur.*

"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk

il-konvenut ma jipprovax - ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-incident ikun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex il-tort ghall-incident ikun tal-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxilu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu. (Ara **Dr. H. Lenicker v. J. Camilleri** 31 ta' Marzu 1972 P.A R.F.).

Kif intqal ukoll fil-kawza **Schraffrath v. Travel TV plc**. (P.A. JRM) tat-28 ta' Gunju 2001, "Attur irid jipprova l-kaz tieghu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-ligi tal-procedura u skont il-haqq. Attur ma jistax inehhi minn fuqu dan l-obbligu billi jappella ghas-sens ta' hniena jew dehen arbitrali tal-gudikant minghajr ma jaghti hjiel ta' prova ta' dak li jitlob".

Din il-Qorti ghalhekk bhala l-ewwel Qorti, trid tezamina x'kienet il-kawza prossima tal-incident. Ghall-finijiet tal-akkoljiment tar-responsabbilita` dak li legalment ghandu jigi rigwardat huwa n-ness ta' kawzalita` prossima jew effettiva.

Hu minnu li l-konvenut kien gie liberat mill-akkuza kriminali dwar l-istess incident kif jirrizulta mill-atti ezibiti (ara fol. 438 *et seq*) izda kif inhu risaput l-prova li trid issir fil-kamp civili m'hijiex l-istess bhal fil-kamp kriminali. Dan ghaliex, "Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubbju ragjonevoli". (**Eucaristico Zammit v. Eustrachio Petrococchino**", App. 25 ta' Frar 1952).

Fir-risposta tal-appell taghha l-attrici tressaq il-pregudizzjali li l-konvenut appellant ma jistax jippretendi li din il-Qorti terga' tezamina mill-gdid il-provi bil-ghan li jkun hemm kambjament favurih tar-ragunament oggettiv li sar mill-ewwel Qorti.

Illi huwa minnu li din l-Qorti bhala Qorti ta’ Revizjoni ma tiddisturbax facilment l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti, imma dan dejjem jekk l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslet ghaliha fuq il-provi li kellha quddiemha.

**Aggravji**

L-appellant jillanja fl-aggravji tieghu li l-ewwel Qorti strahet fuq fatturi li jmorru lil hinn mill-atti processwali u addottat binarji ta’ ragunament bazati fuq meri kongetturi u allegazzjonijiet mhux pruvati u li ma jsibu l-ebda riskontru fil-provi.  Hu jsostni li l-incident gara ghax l-attrici fethet il-bieba tal-vettura ghal fuq il-*coach* waqt li din kienet ghaddejja minn hdejha.  Jinsisti li dwar it-tielet ipotezi (imsemmija mill-ewwel Qorti) l-attrici ma gabet l-ebda prova li l-*luggage booth* kien imsakkar hazin jew li kien imbexxaq jew li kien kompletament miftuh qabel sar l-impatt.

Illi l-ewwel Qorti argumentat li, billi hadd ma ra l-incident isehh u billi l-attrici ma ftakret xejn minhabba t-trawma, il-possibbilitajiet dwar x’gara biex infethet il-bieba tal-VW Polo u tal-coach huma tlieta.

1. l-attrici fethet il-bieba tal-karrozza hekk kif kien ghaddej il-*coach* minn magenbha, it-tarf tal-bieba dahlet fil-hanek tal-kompartiment tal-valiggi tal-*coach* u fethitlu l-bieba; jew

2. l-attrici kienet ghadha ma ghalqitx il-bieba tal-karrozza meta ghadda l-*coach* u hekk il-bieba tal-karozza fethet il-bieba tal-*coach* bhal fl-ewwel ipostezi; jew

3. il-bieba tal-*coach* ma kinietx maghluqa sew u, bis-sahha tal-moviment tal-*coach* meta lewa lejn il-lemin u tal-*inertia* li ttendi lejn moviment f’linja dritta, inghelbet ir-reżistenza inizjali tal-molol, il-bieba kompliet infethet u laqtet kemm lill-bieba tal-karozza u kemm lill-attrici.

L-ewwel zewg ipotezijiet jistghu jwasslu ghal-htija tal-attrici, t-tielet wahda ghall htija tal-konvenut.

Il-Perit Legali li gie nominat mill-Magistrat inkwirenti fuq dan il-kaz kien wasal ghall-konkluzjoni li, minhabba xhieda konfliggenti, ma setghax jghid kif gara l-incident u cioe` jekk kienitx infethet il-bieba tal-coach li laqtet il-vettura l-ohra u l-vittima, jew kienitx infethet il-bieba tal-vettura tal-attrici li laqtghet il-*luggage booth* tal-*coach* (ara relazzjoni a fol. 255 *et seq*).

L-ewwel Qorti invece waslet ghall-konkluzjoni li mit-tliet ipostesijiet li gew meqjusa minnha, l-aktar wahda probabbli u, anzi, l-unika wahda possibbli, hija t-tielet wahda billi ma hemmx kontriha l-ostakoli li jeliminaw l-ewwel tnejn u huma plawsibbli l-fatturi fizici u dinamici li jfissru kif setghet sehhet. Fil-fehma tal-ewwel Qorti l-incident sehh ghax il-bieba tal-kompartiment tal-valiggi tal-coach ma kinietx maghluqa sew u din kompliet infethet bil-moviment ta’ liwi lejn il-lemin.

L-appellant ma jaqbilx ma’ din il-konkluzjoni u jghid li l-attrici qatt ma gabet prova li l-*luggage booth* kien imsakkar hazin jew kien imbexxaq qabel l-incident.

Nigu issa biex nezaminaw it-tlett ipotezijiet fid-dawl ta’ dak li gie deciz mill-ewwel Qorti, l-aggravji mressqa mill-appellant, u dan kollu fid-dawl tal-provi emersi mill-process.

<u>Tieni Ipotezi</u>

Il-Qorti ser tibda mit-tieni ipotezi billi din ghandha tigi eskluza mill-ewwel billi hadd ma xehed li ra lill-attrici bil-bieba tal-karozza imbexxqa qabel l-incident. Kemm l-appellant, kif ukoll ix-xhud Mario Frendo jghidu li raw lill-attrici bil-wieqfa magenb il-karozza pparkjata u ma jsemmux li l-bieba kienet miftuha. Anzi Martin Frendo specifikatament jghid li l-bieba kienet maghluqa meta raha. (ara fol. 510).

<u>L-ewwel Ipotezi</u>

L-ewwel ipotezi tippresupponi li l-bieba kienet maghluqa, l-attrici fethet il-bieba tal-karrozza hekk kif kien ghaddej il-*coach* minn magenbha, it-tarf tal-bieba dahlet fil-hanek tal-kompartiment tal-valiggi tal-*coach* u fethet il-bieba.

L-ewwel Qorti eskludiet din l-ipotezi billi qalet li hu ferm improbabbli li l-attrici fethet il-bieba f'dak il-waqt, u ssemmi diversi r-ragunijiet ghaliex.

L-ewwel Qorti tghid li skont l-attrici hi ma kellhiex ghalfejn terga' tidhol fil-karozza u ghalhekk ma kellha ebda raguni ghala terga' tiftah il-bieba. Din ir-raguni msemmija mill-ewwel Qorti izda mhix supportata mill-fatti u mill-provi billi l-attrici xehdet li hi ma tiftakar xejn dwar il-kaz hlief l-istanti qabel l-incident tohrog il-karozza ta' huha mid-*driveway*. Hi lanqas tiftakar li pparkjat il-karozza ta' huha (ghalkemm instabet fil-fatt ipparkjata) ghalhekk ma setghetx kienet f'pozizzjoni li tghid li ma kellha ebda raguni ghaliex kellha terga' tiftah il-bieba. Din hi biss konkluzjoni tal-ewwel Qorti li waslet ghaliha mhux abbazi tax-xhieda tal-attrici li ma ftakret xejn dwar l-incident imma ghax hekk kien jidher logiku fic-cirkostanzi.

L-ewwel Qorti ssemmi li l-attrici ma kellhiex ghalfejn tiftah il-bieba billi rat il-*coach* ghaddejja minn hdejha u kienet kwazi ghaddiet kollha. Issemmi li kien hemm biss wisa' ta' pied u nofs bejn il-*coach* u l-karozza u ghalhekk l-attrici setghet tara li ma kellhiex wisa' bizzejjed biex tiftah il-bieba. Izda ghal darb' ohra dan hu biss ragunament li ghamlet l-ewwel Qorti mhux sostnut mill-fatti. L-ewwel Qorti ddezumiet li billi l-attrici ma kellhiex spazju bizzejjed mela allura jsegwi li ma fethitx il-bieba. Izda ezattament x'ghamlet l-attrici dak in-nhar u f'dak il-hin ma nafux.

Din il-Qorti fic-cirkostanzi ma tistax teskludi ghal kollox l-ewwel ipotezi kif ghamlet l-ewwel Qorti. Anzi jidher li f'xi hin jew iehor il-bieba tal-Polo infethet meta ghadda l-*coach* magenbha, intlaqtet u ngibdet 'il quddiem sal-*mudguard.* F'kaz li l-bieba tal-Polo kienet maghluqa meta ghadda l-*coach* allura l-bieba ma kellhiex minn fejn tinqabad. Billi l-attrici kienet bejn il-*coach* u l-Polo, biex

intlaqtet il-bieba tal-Polo din kellha necessarjament tkun jew miftuha jew imbexxqa biex ingibdet mill-*coach* qabel intlaqtet l-attrici.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel ipotezi la tista' tigi eskluza u lanqas tista' tigi accetta minhabba nuqqas ta' prova li fil-fatt l-attrici fethet il-bieba meta kien ghaddej il-*coach*.

Tielet Ipotezi

It-tielet ipotezi hija li l-bieba tal-*coach* ma kinietx maghluqa sew qabel l-incident.

L-ewwel Qorti ddecidiet li mit-tliet ipotezijiet meqjusa minnha l-aktar wahda probabbli u, anzi, l-unika wahda possibbli, hija t-tielet wahda billi ma hemmx kontriha l-ostakoli li jeliminaw l-ewwel tnejn, u huma plawsibbli l-fatturi fiżici u dinamici li jfissru kif setghet sehhet. Skont l-ewwel Qorti l-incident sehh ghax il-bieba tal-kompartiment tal-valiggi tal-*coach* ma kienitx maghluqa sew u din kompliet infethet bil-moviment ta' liwi lejn il-lemin, u laqtet lill-attrici u l bieba tal-karrozza l-ohra

Kontra din l-ipotezi hemm ix-xiehda ta' Mario Frendo li qal li l-bieba kienet maghluqa izda skont l-ewwel Qorti din ix-xiehda m'hijiex konklussiva billi l-vizwali ta' Frendo kienet limitata u kompliet tonqos meta l-*coach* ilwiet lejn il-lemin tant li hu ma rahx l-incident isehh.

Li qal ix-xhud Mario Frendo kien li qabel daret il-*coach* go Vjal il-Helsien il-*luggage booth* kien maghluq. Hu fl-ebda hin, qabel l-incident, ma ra l-bieba tal-*coach* miftuha jew tperper. (Ara fol. 181, 263 u 285). Jghid li kien daqsxejn wara l-*coach* u seta' jara. Hu pero` ma rax lill-attrici tintlaqat. Dak il-hin (li ntlaqtet) hu ma setghax jara l-genb xellugi tal-*coac*h. (fol. 502).

Jirrizulta mill-provi li Mario Frendo kien wara l-*coach* f'Main Street, qabel waslu fil-kantuniera biex jidhlu fi Triq Vjal l-Indipendenza. Dak il-hin hu kien ra li l-bieba kienet maghluqa. Fil-fatt din ix-xiehda mhix kontradetta mill-fatti billi jidher li l-bieba nfethet biss meta l-*coach* dar il-

kantuniera u ftit wara ntlaqtet l-attrici u kien f'dak l-istadju li Frendo ma setghax jara l-bieba.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm ebda prova certa fil-process li l-bieba tal-*coach* ma kienitx maghluqa (a differenza ta' msakkra) meta l-*coach* giet biex tidhol Vjal l-Indipendenza. Jidher li ghal xi raguni meta l-*coach* imbaghad ghaddiet magemb l-attrici l-bieba tal-*coach* ghal xi raguni infethet. Ma giex ippruvat li l-bieba tal-*coach* infethet ghax intlaqtet mill-bieba tal-VW Polo u lanqas li l-bieba tal-*coach* infethet meta daret il-kantuniera ghax ma kienetx maghluqa sew.

L-espert tekniku Philip Zammit nominat mill-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali, mitlub jispjega jekk huwiex f'pozizzjoni jghid kif infethet il-bieba tal-*coach*, wiegeb: "illi mill-hsarat sia fuq il-Volkswagon, sia fuq il-*coach* ma setghax ikun illi l-bieba tax-xarabank kienet miftuha qabel l-impatt. Dan nghidu ghaliex il-bieba tax-xarabank tista' tkun miftuha f'zewg pozizzjonijiet, jigifieri jew maghluqa jew miftuha kollha. Il-bieba tal-coach qatt ma tista' tkun miftuha fi grad iehor (fol. 400).

Mistoqsi jekk il-bieba tista' tinfetah wahedha anke jekk ma tkunx imsakkra, wiegeb li:

"Le wehidha ma tistax ghax ghandha x-*shock absorbers* qed izommuha dejjem 'l isfel.

"Qorti: Il-moviment tal-*coach* jekk idur liwja perezempju?

"Xhud: Ghalija personali m'ghandhiex tinfetah. Hemm forza bizzejjed biex izomm 'l isfel". (fol 530).

Jibqa' pero` mhux spjegat kif, ghalkemm il-bieba tal-*coach* kellha impatt mal-bieba tal-VW, u meta l-bieba tal-*coach* suppost kienet maghluqa, il-*lock* taghha baqa' mhux danneggjat kif irrizulta mill-provi[5]. Dan seta' jwassal ghall-konkluzjoni, kieku kien hemm provi ohra konklussivi, li qabel l-impatt il-bieba kienet gia` miftuha u mhux li nfethet

[5] Ara xhieda Philip Zammit u Mario Buttigieg.

mill-bieba tal-Polo. (ara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati a fol. 444 fejn dan il-punt gie rilevat u ezaminat).

Kollox ma' kollox pero` jidher li ma hemmx prova konklussiva li meta l-*coach* daret il-kantuniera go Vjal l-Indipendenza u ghaddiet magenb il-karozza Polo, il-bieba infethet wahedha minhabba l-liwja u ghax ma kinietx maghluqa sew. L-attrici kellha tipprova l-bieba tal-*coach* kienet miftuha jew imbexxqa qabel l-incident, haga pero` li m'ghamlitx. L-ewwel Qorti jidher li haditha bhala skontat li l-bieba tal-kompartiment tal-valiggi ma kienx maghluq qabel l-impatt. Din il-prova pero` m'hijiex fl-atti processwali.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellant dwar din l-ipotezi ghandu jigi milqugh.

<u>Margini ta' sikurezza</u>

Nonostante li fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx provi bizzejjed biex din il-Qorti tista' tkun sodisfatta bil-kriterju tal-konvinciment morali li taccetta l-ewwel jew it-tielet ipotezi, jibqa' pero` l-fatt li, indipendentement minn dan il-presuppost, l-appellant jahti ghas-sinistru billi hu ghadda vicin wisq ghall-karozza pparkjata mill-attrici (pied u nofs) meta hu stess kien gia` ra lill-attrici fejn il-karozza u kien jaf f'liema pozizzjoni kienet. Hu jghid li teptep id-dawl biex jigbed l-attenzjoni taghha billi haseb li kienet ser taqsam, izda fic-cirkostanzi dan ma kienx bizzejjed izda hu kellu jadatta s-sewqan tieghu mac-cirkostanzi li kellu quddiemu u ma jkunx ta' perikolu. It-triq fejn kien ghaddej il-konvenut kienet wahda wiesa bizzejjed biex tippermettilu li ma jrossx max-xellug estrem tieghu b'mod li ma jhallix spazju lill-attrici fejn ticcaqlaq. L-espert prodott mill-istess konvenut Mario Buttigieg xehed li l-*coach* kienet ghaddejja vicin hafna l-karozza pparkjata; kienu genb ma' genb. (ara fol. 546).

"Il-conducente che si accinge a superare, specialmente di notte, un pedone ha il dovere non soltanto di moderare la velocita', ma anche di <u>assicurare un adeguato margine di</u>

sicurezza, essendo prevedibili dei leggeri spostamenti del pedone stesso". (Cass. 7.4.1965)

Ghalkemm ma jistax jigi eskluz li meta l-konvenut ghadda vicin tal-attrici seta' kien hemm xi spostament inaspettat u inspjegabbili, il-konvenut pero` kellu jhalli margini ta' sikurezza biex ikun f'pozizzjoni li jevita spostament anke hafif tal-attrici. Wiehed ma jridx jinsa wkoll li l-konvenut kien se jaghfas aktar fuq ix-xellug tieghu meta ghadda magenb l-attrici billi ftit 'il fuq kien hemm liwja fuq ix-xellug.

Fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-kaz, ghandu jirrizulta li dak li gara sehh ghaliex il-konvenut ma zammx *proper lookout* u ma halliex *clearance*/margini ta' sikurezza bizzejjed biex jghaddi inkolumement magenb l-attrici u l-karozza li kienet ipparkjata. Min-naha l-ohra ma hemmx prova konkludenti li l-attrici fethet il-bieba meta kienet ghaddejja l-*coach.*

Ghalhekk il-konvenut jahti unikament ghall-incident li fih indarbet l-attrici.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, u mhux necessarjament ghar-ragunijiet imsemmija mill-ewwel Qorti, tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata u tichad l-appell bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenut.

Tordna li l-atti jintbaghtu lura quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-provi fuq it-talbiet l-ohra dwar danni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------